**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Joseph Paul Galea ta' 23 sena, iben Victor u Frances xebba Sciberras li joqghod 'Gawhra', Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 302678 (M)**

Illum 23 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar it-30 t' Ottubru 2001 ghall-habta ta' 1-10.00p.m. fil-Pjazza Santa Margerita, Sannat, Ghawdex saq il-vettura numru FAU 874, (1) b'manjiera traskurata u perikoluza, (2) aktar talli ghamel alterazzjonijiet fuq l-imsemmija vettura meta mhux licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija, (Tinted Glass).

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita mill-istess Qorti jigi sospiz mill-Licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikolu 15 (1) tal-Kap 65 u Regolament 91 ta' l-Avviz Legali 128/94;

Tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20);

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien gimgha mil-lum.

Ma taghmel l-ebda provvediment dwar il-hgieg stante li llum huwa in regola.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur